# IL-PRASPAR MIKTUBA MINN DUN XAND CORTIS (1856–1916)

**Marlene Mifsud Chircop**

Fl-1991, f'għeluq il-75 sena mill-mewt ta' Dun Xand Cortis, dehret għall-ewwel darba l-edizzjoni kritika tal-praspar li kiteb Dun Xand, ta' Ġorġ Mifsud[1] (1951–2007), mingħajr il-paragrafi moraleġġanti.[2] Dan ix-xogħol kien t'għajnuna konsiderevoli biex nipprepara din it-taħdita, issa li f'għeluq il-100 sena mill-mewt ta' Dun Xand u fl-okkażjoni tal-kxif tal-bust il-ġdid tiegħu barra l-ġnien Romeo Romano f'Santa Venera, mess lili biex nikteb fuq il-praspar li ħallielna dan il-qassis ċajtier.[3]




**Il-bust ta' Dun Xand Cortis quddiem il-ġnien Romeo Romano f'Santa Venera, mikxuf fl-okkażjoni tal-100 sena mill-mewt tiegħu**

Barra fil-praspar,[4] is-sens t'umoriżmu ta' Dun Xand deher minn kmieni.[5] Kemm kien ċajtier Dun Xand? F'intervista li Mifsud Chircop kien għamel fl-aħħar tat-tmeninijiet lis-Sinjura Carolina Galea li trabbiet ma' Dun Mattew Cortis, ħu Dun Xand, Carolina tgħid li Dun Mattew kien ta' dixxiplina kbira u ma kontx tissogra tiċċajta miegħu; filwaqt li Dun Xand ċajta kien jeħodha, jagħmilha u jistedinha. Carolina ssemmi ġrajja li kienet għadha tingħad fil-familja Cortis. Din il-ġrajja marbuta maż-żmien li Dun Xand għamel ma' ħuh Dun Mattew, meta dan kien kappillan ta' Ħal Lija.[6]

Darba, fil-festa tas-Salvatur, Dun Mattew u Dun Xand kienu fil-bieb tal-Knisja jaraw il-marċ dieħel. Dun Xand, biex jiċċajta, qallu, "Matt, ara ġejjin issa biex itellgħuk fuq spallejhom!"

U Mattew wieġbu sod sod, "Mhux lili. Issa tara!"

Fil-fatt in-nies ġew fuqhom, imma qabdu lil Dun Xand u ġrew bih![7]

Bejn l-1894 u l-1926 ġew ippubblikati għadd ġmielu ta' xogħlijiet ta' Dun Xand fuq suġġetti reliġjużi, fuq is-safar missjunarju tiegħu u proża oħra.[8] Imbagħad

1 Ġorġ Mifsud Chircop u Ġorġ Mifsud (1951–2007) huma l-istess awtur.

2 Dan l-awtur jagħti r-raġuni: ara Ġorġ Mifsud, *Il-Praspar miktuba minn Dun Xand* Cortis 1991 p. xii. Ara wkoll ir-rivista: *Sagħtar*. Nri 50–84, 1977–1982.

3 Għal kummenti oħra ta' min kien jaf lil Dun Xand, ara Ġorġ Mifsud, op. cit., pp. 233–4.

4 Cortis, Dun Xand, "Ħrejjef u Ġrajja", *Il-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*. 66, 1907.

5 Meta kellu 23 sena, fit-8 ta' Settembru tal-1879, bl-isem ta' Accolito Alessandro Cortis, kiteb bit-Taljan kitba umoristika *Elogio Funebre dell'estinto gatto del Buon Pastore di felice memoria*, għal qattus li miet u li kien kaċċatur prim u ħalliel iprem! Il-manuskritt ta' sitt faċċati jinsab fil-Librerija tas-Seminarju. Is-sens ta' umoriżmu ta' Dun Xand jidher ukoll fit-taħdita li Mifsud Chircop kien għamel fl-okkażjoni ta' meta l-Iskola Primarja ta' Santa Venera ssemmiet għal Dun Xand Cortis, fit-3 ta' Diċembru tal-1999, meta qal li l-praspura Nru 19 fil-ġabra ta' praspar tal-1991 kienet ġrat lil Dun Xand innifsu meta kien għadu student. Sħabu riedu jgħaddu ż-żmien bih għax raħli, malli l-ħmar li kien riekeb fuqu beda jinħaq hekk kif rahom.

6 Ġorġ Mifsud, op. cit., pp. 240–1.

7 Ibid., p. 241.

8 Ibid., pp. 280–1.

hemm ukoll il-prietki magħrufa tiegħu billi kien predikatur tajjeb ħafna.[9]

Madankollu l-iktar li baqa' magħruf hu għall-ġabra ta' praspar li ħallielna, li wħud minnhom dehru f'antoloġiji varji.[10] Fi kliem Cortis u fi kliem Alfons Maria Galea (1861–1941), awtur u filantropu kbir li ħareġ mija u ħamsin ktieb fis-sensiela *Il-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* (1899–1915), dawn il-praspar kienu popolari ħafna.[11]

Xi għoxrin fil-mija tal-ġabra tal-praspar tiegħu mhumiex ambjentati Malta[12] u dan riżultat taż-żmien li Dun Xand għamel f'postijiet differenti jipprietka lill-Maltin u Nsara oħra barra minn Malta, fl-Alġerija, fit-Tuneżija, fil-Palestina, fil-Greċja u f'Korfù, kif jidher f'uħud mix-xogħlijiet l-oħra tiegħu.[13]

Il-mija u sebgħa u għoxrin praspura[14] li wasslilna Cortis kien semagħhom, qaluhomlu direttament[15] jew ġraw lilu jew lil min kien jaf. Kien jikteb dawn l-istejjer l-ewwel u qabel kollox biex jgħallem. Għalhekk Cortis ta l-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li kien sema' u b'hekk tana kreazzjoni ġdida tal-aneddotu. Din l-interpretazzjoni fiha kummentarju moħbi fuq ir-relazzjonijiet soċjali, ir-rwoli ta' dak li jkun skont il-ġens tiegħu, il-ħajja domestika, il-valuri, il-ġerarkija, il-poter u r-ribelljoni kontrih, il-flus, il-bżulija, it-tbatija, l-injoranza u l-kundizzjoni tal-proletarjat.

Billi seta' qabel ma' li sema' jew le, il-perspettiva dinamika tiegħu toħroġ mill-kliem, u mill-għemil ta' xi ħadd mill-karattri fil-ġrajja. Toħroġ ukoll mit-tmiem tal-praspura, fost oħrajn, hieni[16] jew le,[17] mill-għeluq bil-premju[18] jew bil-kastig,[19] bit-tifsira,[20] bil-makakkerija[21], bir-raġunar assurd,[22] bl-ispirtu pront[23] jew bis-sarkażmu.[24]

Il-parti l-kbira ta' ħajtu, Dun Xand Cortis għexha fis-seklu dsatax u għalhekk ma jistax ikun li fil-praspar, teknikament aneddoti,[25] parti min-narrattiva orali Maltija,[26] ma kienx iddakkar minn kittieba oħra Maltin ta' dak is-seklu li bħalu ġabru l-ġeneri folkloristiċi u kitbu fuqhom.[27] Ma setax ma ddakkarx bħalma kienu ddakkru l-kittieba l-oħra mir-realtà li kienet qed tiġri madwarhom, il-faqar kbir u l-forka għall-kriminali,[28] u li sal-1878 kienet għadha tingħata fil-pubbliku b'folol kbar ta' nies kurjużi jaraw l-iġġustizzjat titneħħielu ħajtu[29] bħallikieku kienet festa.[30] Hawn naraw ir-rabta bejn l-Istorja u l-folklor.[31]

Fost il-folkloristi ta' żmien Cortis li ġabru l-ħrejjef Maltin jew kitbu fuqhom, insibu fost l-oħrajn lill-istudjużi barranin[32] Hans Stumme (1864–1936),[33]

9 Mifsud, Ġorġ, "Il-Prietki ta' Dun Xand Cortis", *Il-Malti*. 69, 1993, pp. 12–9.

10 Idem., "Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis", p. xi.

11 Ibid., pp. 290–1.

12 Ibid., Nri 6, 7, 8, 12, 13, 25, 29, 30, 32, 33, 35, 48, 50, 59, 63.2, 64, 72, 81, 83.3, 83.5, 86.2, 86.6, 87, 89. Ir-referenzi għan-numru/i huma tal-praspar skont kif jidhru fl-edizzjoni msemmija.

13 Ibid., pp. 250–76.

14 Ibid., Billi wħud minnhom maqsumin fi praspar oħra, bħal: Nri 19, 47, 53, 58, 63, 79, 83, 86.

15 Ibid., Ara Nru 50 "Radd bil-Magħluq", li fiha n-narratur jindirizza lil Dun Xand b'ismu. Ara wkoll pp. 122–3.

16 Ibid., Nri 3, 11, 27, 33, 70. Ara wkoll p. 298 (4).

17 Ibid., Nri 1, 2, 4, 5, 10, 35, 41, 42, 45, 46, 57, 69, 72, 78, 80, 81, 84, 87, 88. Ara wkoll pp. 297–8 (3).

18 Ibid., Nri 33, 59. Ara wkoll p. 299 (7).

19 Ibid., Nri 4, 35, 36, 42, 47.2–3, 49, 59, 78, 81. Ara wkoll pp. 298–9 (6).

20 Ibid., Nri 12, 45, 46, 50. Ara wkoll p. 299 (9).

21 Ibid., Nri 1, 5, 7, 11, 12, 17, 19, 24, 25, 26, 27, 29, 30, 33, 36, 39, 44, 45, 52, 55, 56, 57, 70, 72, 80, 88. Ara wkoll p. 299 (8).

22 Ibid., Nri 46, 48, 87, 88. Ara wkoll pp. 299–300 (10).

23 Ibid., Nri 3, 19, 19.1, 24, 29, 32, 33, 36, 43, 45, 50, 58.1, 58.2, 58.6, 62, 72, 73, 77, 81, 83.5, 83.10, 83.11, 83.15.

24 Ibid., Nri 11, 19.1, 24, 58.2, 58.6, 86.3. Ara wkoll p. 300 (11).

25 Ibid., Ara r-referenza għall-kumment tal-Kav. Joseph E. Delicata, p. 287.

26 Cortis, Dun Xand, *Il-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*: "Ħrejjef u Ġrajja" 66, 1907, "Fiex Tqatta' Siegħa", 94, 1910, "Fiex tqatta' siegħa oħra", 138, 1914.

27 Nebbaħ lil Cortis ukoll Manwel Dimech (1860–1921) fil-lingwaġġ. Ara: Mark Montebello, Dimech, Vol I, 2013, p. 205, fn 333.

28 Mifsud, Ġorġ, op.cit., Nru 42. Ara: Anon. *Il-Forka: Lista tal-iġġustizzjati f'Malta*, p. 5 għall-aħħar forka li ngħatat għal serq li kienet fl-1822 u għal serq aggravat fl-1829. Ara: Eddie Attard, *Delitti f'Malta 1800–2000*, pp. 338–42 għall-aħħar sentenza ta' forka li ngħatat għal qtil fl-1943, għalkemm sakemm damet il-piena kapitali kienet tinbidel f'ħabs.

29 Dan il-metodu kien ikkunsidrat mill-kritiċi tiegħu bħala inuman ukoll dak iż-żmien. Ara n-nota li jmiss.

30 Fuq dan kien hemm ħafna aktar minn tgemgim. Fi żmien Cortis, mill-inqas erba' każijiet ta' tgħalliq fuq il-forka laqtu lill-poplu bil-kbir, għalkemm mill-1880 it-tneħħija tal-ħajja ma baqgħetx issir barra, imma fil-ħabs. Kienet għaddejja kitba fil-gazzetti kontra l-piena tal-mewt mill-aħħar għaxar snin tas-seklu dsatax 'il quddiem. Iktar tard, Giuseppe Cumbo, opponent voċiferu tal-piena tal-mewt, iġib il-kummenti ta' Maltin u ta' barranin f'*Il-Ġurijiet Kapitali tal-Mewt li saru minn Żmien l-Ingliżi*, 1927, pp. 292, 331, 397–406, 686–712, 743–7, 777–86. Madankollu, il-praspura relatata li Cortis iġib fil-ġabra, nru 42, hija każ iżolat, intenzjonata biex twissi lill-qarrej biex joqgħod attent; u ma tispeċifika xejn iżjed ħlief li lil wieħed Mattew inqatgħetlu għall-mewt talli kien qatel; u iben martu, li kien rabba, għall-flus għażel li jkun il-bojja. B'hekk seħħ dak li kien widdbu bih missier Mattew.

31 Olrik, Axel, *Principles for Oral Narrative Research*. tradott minn K. Wolf u J. Jensen, 1992, p. 112.

32 Għar-ritratti ara Ġorġ Mifsud Chircop, *Il-Folklor Malti*, 2003, vol. 1, p. 79.

33 Hans Stumme, *Maltesische Studien, Eine Sammlung prosaischer und poetischer Texte in Maltesischer Sprache*. 1904.




**Il-qoxra tal-ktieb *Il-Praspar miktuba minn Dun Xand Cortis* ta' Ġorġ Mifsud, PEG, 1991**

Luigi Bonelli (1865–1947) u Bertha Koessler-Ilg (1881–1965), u lill-Maltin bħal Ġan Anton Vassallo (1817–68), Annibale Preca (1832–1901), Patri Manwel Magri, S.J. (1851–1907), Temi Zammit (1864–1935) u Ninu Cremona (1880–1972).[34]

Filwaqt li dawn ittraskrivew il-ħrejjef kif semgħuhom mingħand in-narraturi jew l-informanti tagħhom, Cortis kitibhom fi kliemu.[35] Tal-istess ġeneru — għalkemm dawn ħarġu wara li miet Cortis — ma rridux ninsew ix-xogħol ta' Aldo Farini (Arnaldo Fabriani),[36] u ta' Ġużè Cassar-Pullicino (1921–2005).[37] Insemmu wkoll il-praspar ta' Ġaħan[38] li jinsabu f'diversi pubblikazzjonijiet kif ukoll *Kemużell: The Maltese Practical Joker*.[39] Dawn il-praspar kollha ambjentati bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien tal-praspar ta' Cortis. Bħala parti mill-istudju fuq il-ħrejjef Maltin,[40] miġbura mill-awturi jew mill-folkloristi li semmejna, dawn il-praspar ta' Cortis ġew ikklassifikati u analizzati xjentifikament fit-teżijiet tagħna[41] fuq kriterji internazzjonali skont it-tipi u l-motivi li bihom mibnija kull praspura.[42]

Minn xiex iżjed seta' kien influwenzat Cortis? Awtur mhux lakemm jinħareġ mill-politika ta' żmienu u jinżamm ġo vakum. Għalhekk, konxjament jew le, Cortis ta sehmu fil-mixja lejn in-nazzjon Malti permezz tal-funzjoni li ta lill-praspura, element tan-narrattiva popolari, wirt ħaj tal-poplu li jgħaqqdu. Għexieren ta' snin qabel, wara li feġġ l-Illuminiżmu, awturi barranin Ewropej li kienu parti mill-moviment Romantiku mxerred mal-Ewropa, ukoll kienu nqdew bil-folklor biex isseħħ din il-mixja f'pajjiżhom għall-għaqda tan-nazzjon, f'diversi każi kontra mexxejja barranin jew mexxejja tiranniċi.

Kif għedna, l-iskop tal-awturi Maltin, fosthom il-folkloristi, kien primarjament didattiku biex itejbu s-soċjetà; li huwa wieħed mill-għanijiet tal-irrakkuntar u tal-qari tal-ħrejjef, barra milli biex jgħinu lill-Maltin jagħrfu l-identità tagħhom. Ngħidu aħna, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, ir-rumanz Storiku-Romantiku kien wieħed mill-mezzi ewlenin biex jinbena l-immaġinarju kollettiv Malti. Fi żmien Cortis, Ġużè Muscat Azzopardi (1853–1927) kien qed jippubblika r-rumanzetti bil-Malti fuq l-eroj Maltin u t-tbatija li għaddew minnha

34 Cassar-Pullicino, Ġużè, *Il-Bennejja tal-Folklor Malti*. 1964.

35 Mifsud, Ġorġ, *Il-Praspar mitkuba minn Dun Xand Cortis*. 1991 p. 290.

36 Farini, Aldo, *Fiabe, leggende e tradizioni maltesi*, vol. 3, 1934–36.

37 Ġużè Cassar-Pullicino, "Stejjer ta' Niesna", *Il-folklore ta' Malta u Għawdex 5*. 1967, pp. 61–70.

38 Ara: Ġorġ Mifsud Chircop, op.cit., vol. 1 p. 152 n. 91. Ara wkoll idem., "A Wise Fool's Anecdotal Cycle in Malta: a Reappraisal", *Folklore*, pp. 113–32; https://www.folklore.ee/folklore/vol 38/mifsud.pdf.

39 Ilg, Bertha, *Kemużell: The Maltese Practical Joker*. J. Cassar-Pullicino, ed., Rev. J.M. Milne, trad., 1995, li fih sitta u tletin *Schwank* (praspura) fuq Kemużell li Ilg kienet ġabret minn Malta (1906–12), ippubblikati f'għeluq it-tletin sena mill-mewt ta' Bertha Koessler-Ilg fl-1965. Ġie ppubblikat f'diversi edizzjonijiet bil-Ġermaniż, bl-Ispanjol u bl-Ingliż għadd kbir tax-xogħlijiet li ġabret Ilg fl-Ewropa u fl-Amerka t'Isfel, fejn għexet il-parti l-kbira ta' ħajjitha fl-Arġentina. Fl-introduzzjoni li għamlu ulied Koessler-Ilg għall-edizzjoni ta' ġabra ta' ħrejjef li kienet ħarġet fl-1952 bl-Ispanjol Cuentan los Araucanos: mitos, leyendas y tradiciones, 2000, isemmu x-xogħol li għamlet fuq in-narrattiva popolari Maltija (1906) u fuq l-għana Malti (1909). Ara wkoll: Ġorġ Mifsud Chircop, op.cit., id-didaskalija tar-ritratt f'p. 105.

40 Mifsud, Ġorġ, *Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis*. 1991, p. xiv. Ara wkoll: Ġorġ Mifsud Chircop, *A Type-Index of the Maltese Folktale*. 1978, u Marlene Mifsud Chircop, *A Motif Index of the Maltese Folktale*. 1981.

41 Ara n-nota ta' qabel din.

42 Mifsud, Ġorġ, *Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis*. 1991, pp. 314–9. Ara Hans Jorg Uther, *The Types of International Folktales, A Classification and Bibliography*. 3 volumi, 2004, fejn jingħataw it-tipi tal-ħrafa Maltija skont l-inklużjonijiet ta' Mifsud Chircop; ara speċjalment it-tieni parti CXXXIV Nru 285 fuq l-aneddoti u ċ-ċajt, pp. 72–510. Ara Aarne, Antti & Stith Thompson, *The Types of the Folktale*, FFC Nru 184, it-2 ed. riv., 1961; Ġużè Cassar-Pullicino u Ġorġ Mifsud Chircop, "Malta", *Enzyklopädie des Märchens*, Band 9, 1999, pp. 96–100, fejn jissemma x-xogħol ta' Dun Xand Cortis, flimkien ma' ta' folkloristi oħra.

f'idejn l-għadu jew taħt il-mexxejja barranin.[43] Dan biex ixettel kburija b'dak li hu Malti fil-konxjetà tal-qarrej u, indirettament, bħala forma ta' sovverżjoni kontra l-ħakkiema. L-istess għamel Anton Manwel Caruana (1838–1907) bir-rumanz tiegħu *Ineż Farruġ* (1889) li fih Ineż tissimbolizza lil Malta maħqura[44] u li beda l-qawmien ġdid fil-lingwa/letteratura.[45]

L-istess għamlu l-awturi tal-għana popolari, anonimi u mhux, u l-pubblikaturi tal-'għana tal-fatt' bħala letteratura tat-triq, li nqdew mhux biss bil-każijiet ta' qtil u l-proċessi tagħhom bil-polemiċi li ħolqu fi żmienhom, imma fuq kollox bil-ballati fuq l-eroj Maltin[46] li s-suġġett tagħhom kien għadu fuq fomm l-għannejja aktarx illitterati. Min ma ntlaħaqx bil-letteratura u l-ġurnali, seta' ntlaħaq bil-ballati biex tidħol fih ir-rieda għall-formazzjoni tan-nazzjon.[47]

M'iniex sa nidħol fid-differenza bejn il-ħrafa u l-praspura imma nsemmi biss lejn xiex tqarreb l-iktar il-praspura ta' Cortis:[48] l-aspett didattiku huwa tal-*exemplum,* iċ-ċajt tal-*facetiae* u l-injoranza tax-*Schwank*. Il-praspar li kiteb Cortis, oriġinarjament fi tliet volumi,[49] jiġu taħt dawn it-tliet aspetti li semmejna u huma ġeneru tan-narrattiva popolari; dak iż-żmien kien kważi ġdid fil-Malti miktub u ftit kien intmess mill-folkloristi ta' żmienu f'Malta. Jiġbru fihom l-attitudnijiet popolari ta' żmienhom. Bħal ta' Preca, il-praspura ta' Cortis hija folklor b'funzjoni attiva, mhux sempliċiment element folkloristiku biex isebbaħ il-praspura. Fiha Cortis jixhdilna ambjent li llum spiċċa. Madankollu, il-praspura moderna bħala fergħa tan-narrattiva popolari għadha tingħax, tingħad u tinkiteb b'ambjent modern.

Kull waħda minn dawn il-praspar fiha struttura lineari li tgħinha tinftakar, b'lingwa nattiva popolari mimlija djalogi spontanji, miżgħuda bil-qwiel u bl-idjomi li huma karatteristiċi tan-narrattiva folkloristika u li bihom dan il-prodott kulturali jingħadda lill-poplu.

Ir-rakkonti ta' Cortis mimlija azzjoni u ftit li xejn deskrizzjoni, huma lokalizzati, fihom formula tal-bidu u tal-għeluq, u fihom ukoll karatteristiċi tan-narrattiva folkloristika. Fil-praspura jew aneddotu, il-karattri minn oqsma differenti tas-soċjetà u mill-ħajja ta' kuljum huma dijametrikament opposti; it-tajjeb ta' min ifaħħru u l-ħażin ta' min jikkundannah. Għalhekk, il-qofol tal-konċentrazzjoni ta' Cortis jibqa' fuq it-titjib morali u soċjali tas-soċjetà Maltija Nisranija permezz tar-reliġjon, l-osservazzjoni tad-dmirijiet mill-individwu, mill-familja, mill-awtorità u mill-poplu.

L-iktar li fihom dawn il-praspar huwa ċajt fin,[50] ċajt goff,[51] sitwazzjonijiet komiċi,[52] bluha u injoranza,[53] arroganza,[54] jew kriminalità — minn attentati ta' serq[55] jew serq,[56] sa qtil.[57] Dan jgħaddilna permezz tal-eżaġerazzjoni, l-umoriżmu li jitnissel mill-injoranza, il-makakkerija, il-passaġġ min-normal għal loġika anormali, karattri bid-destin tagħhom f'idejhom jew le, dinamiċi u mhux konformi, u kapaċi jegħlbu s-soċjetà predominanti, anzi jinqdew biha. Dawn tal-aħħar huma karatteristiċi ta' poplu maħkum li jrid jinfeda. Il-parti l-kbira ta' dawn il-karatteristiċi niltaqgħu magħhom fil-praspura tal-ħalliel, *Id-Dandalun*.[58]

Bħala bin il-bdiewa, imrobbi f'Ħad-Dingli, Dun Xand baqa' dejjem bniedem raħli u ċajtier sakemm miet u għalhekk ma jittradix l-iżvilupp illoġiku tal-praspura skont il-kriterji tal-ħajja ċċivilizzata. Fil-ħajja morali u soċjali jirbaħ min jimxi mal-prinċipji stabbiliti, imma fil-ħajja naturali tal-praspura jirbaħ min ikun bata u, għalhekk, mill-esperjenza sar moħħu jilħaqlu bħall-ħalliel id-Dandalun u bħal-lavrant Koluru,[59] li b'rajhom f'idejhom ifasslu kif iridu huma d-destin tagħhom u jkun iktar jilħqilhom minn min hu soċjalment ogħla minnhom — il-merkanti, ir-reliġjużi, in-nies tas-sengħa u l-awtorità.

43 Mifsud Chircop, Marlene, *The Maltese Ballad, l-'għana tal-fatt', its cultural transition and social element*. 2015, pp. 5, 57–63, 67–73.

44 Friggieri, Oliver, *L-Istudji Kritiċi Miġbura I*, 1995, pp. 33–44.

45 Idem., "Maltese Literature" fi Stanley Fiorini, Victor Mallia Milanes (ed), *Malta, A Case Study in International Cross-Currents*. 1991, pp. 209–12.

46 Mattew Callus, Toni Bajjada, Ċejlu Tonna, Pawlu Xara, Giammaria Cassia u Ġakomin Ciantar.

47 Mifsud Chircop, Marlene, op.cit. pp. 5–7, 15.

48 Mifsud, Ġorġ, op.cit., pp. 286–7.

49 Ibid., pp. 310–3.

50 Ibid., Nri 1, 17, 19, 19.1, 22, 25, 26, 27, 29, 32, 33, 36, 43, 45, 50–52, 55, 58.2, 58.4, 58.5, 62, 67, 70, 72, 77, 79.1, 79.2, 79.3, 81, 83.3, 83.5, 83.8, 83.11, 83.15, 88.

51 Ibid., Nru 5, 7,12, 19, 19.1, 21, 23, 25, 26, 28–30, 35, 39, 41, 43, 47.4, 48, 51,55, 57, 58.6, 52,60, 75, 77, 78, 80, 83.4, 83.6, 83.16.

52 Ibid., pp. 289–90 (2.3.1.3).

53 Ibid., p. 290 (2.3.1.4).

54 Ibid., p. 290 (2.3.1.5).

55 Ibid., Nri 4, 13, 36, 48, 50, 64, 67.

56 Ibid., Nri 1, 5, 7, 12,13, 22, 24, 25, 30, 31, 39, 44, 45, 48, 51, 55, 56, 57, 59, 77, 80, 83.10, 83.11, 85, 88 .

57 Ibid., Nri 42, 67.

58 Ibid., Nru 44. Ara wkoll p. 290 (2.3.1.6).

59 Ibid., Nru 55. Ara wkoll p. 290 (2.3.1.6).

Wieħed ma jistax ma jinnotax li, minħabba x-xogħol pastorali tiegħu, Dun Xand kellu subgħajh fuq il-polz tas-soċjetà Maltija ta' żmienu. Huwa kiteb il-praspar b'tant ħerqa u tama li sseħħ bidla fis-soċjetà għax, bħal kittieba oħra, ma kienx kuntent bl-istat li l-gvern kolonjali kien qed iżomm lill-Maltin fih — għall-inqas il-qagħda tan-nies bla skola u dik ta' min kellu edukazzjoni imma pprova japprofitta minn dawk li ma kellhomx. Għall-inqas sa meta Cortis ippubblika l-praspar kienu għamlu ftit biex jerfgħuh mill-injoranza.

Għalkemm ir-regħba[60] u l-kriminalità Cortis jikkundannahom, xi wħud mill-praspar tiegħu, jekk tarahom min-naħa ta' min qed ibati u jkollu jisraq biex jgħix, jinstemgħu sovversivi, simboliċi ta' poplu kkolonizzat. Il-kriminal jiskappa jew jeħlisha u kulħadd jibqa' b'li ħa. Sovversiva hi l-praspura tal-ajk li, għalkemm ma jigdibx lill-ġendarm, lanqas ma jagħtih ħjiel ta' jekk rax għaddej il-maħrub, li tassew ikun rah; dan billi jdaħħal idejh fil-kmiem wiesgħa tiegħu u jgħidlu li minn hemm (mill-komma) m'għadda ħadd.[61] B'hekk ikun għadda ż-żmien bir-rappreżentant tal-forzi tal-ordni. L-istess il-praspura ta' Martin tal-Baħrija li jgħaddi ż-żmien bl-imħallef (l-awtorità) u bl-avukat (l-intellettwali) biex jeħles mid-dmir tiegħu li jħallas id-dejn,[62] u l-praspura taż-Żoqdija li taħtaf l-opportunità li jagħtiha l-imħallef u terfa' jdejha fuqu, u fil-kuntest, bla ma tista' tingħata ħtija.[63] Marì ta' Kozz tirridikola l-Qorti bit-tlablib irrelevanti tagħha,[64] kif tagħmel ukoll Barbri Griftija.[65] L-istess jagħmel l-għassies li ma jċanfarx lil uliedu li bl-istorbju tagħhom fit-triq idejqu lill-avukat.[66]

Is-serq minn ġol-knisja huwa forma oħra ta' sfida lill-awtorità,[67] bħal tal-ħalliel li jinqeda b'reliġjuż biex jisraq.[68] Sofija s-seftura tisraq gozz ittri li mhumiex tagħha mill-posta, għalkemm b'dan ma tikseb l-ebda vantaġġ, basta tkun pattietha lill-awtorità talli tal-posta ħadulha drakma tal-ittra li ġabret għas-Sinjura tagħha.[69] Dan l-aġir mhux biss ta' nies komuni bħall-Isqalli t'Avola li jaħbi l-bajd fil-but biex jiffranka ftit sisa imma l-bajd jinkisirlu xħin jinqabad;[70] imma anki ta' reliġjużi li jikkorrompu r-rappreżentanti tal-liġi[71] jew ibellgħuha lill-pubbliku/lill-fidili;[72] jew dawk il-fidili Nsara li, għax ma jafux sewwa d-duttrina u t-talb tal-knisja, bla ma jafu, jagħmlu parodija tagħhom[73] u ma jikkonformawx mal-mudell meħtieġ mill-awtorita, att ieħor ta' sovverżjoni.

L-abbuż mill-poter jidher ukoll fil-praspura ta' Abu Kasim Sajd u l-Qadi.[74] Kif irid hu, Abu Kasim, jikseb eżenzjoni minn kull responsabbiltà fejn jidħol il-papoċċ mgħakkar u misħut li swielu tant multi u inkwiet, taparsi 'bis-sħarijiet', u b'hekk jikseb il-fama. Fl-aħħar parti ta' din il-praspura, Cortis ikompli jirrakkonta li skont kif sema', il-papoċċ 'bis-sħarijiet' inxtara minn nobbli Ingliż li ħallas tajjeb ħafna lil Abu Kasim u suppost l-artefatt jinsab f'mużew l-Ingilterra.[75] Minkejja l-anakroniżmu, l-intertestwalità li tgħaqqad x'sema' Cortis mal-praspura nnifisha sservi biex Abu Kasim jintrefa' mill-iżventura billi jikseb il-flus, waqt li jkun għadda ż-żmien ukoll bil-barrani li għama fuq papoċċ ma jiswa xejn, imma bi storja twila.

Is-Sinjur Taljan, taparsi trux, jobrom l-ikel u l-alloġġ minn fuq il-lukandier biex jirbaħ imħatra;[76] il-ħalliel jisraq it-tiġieġ mis-suq u jinqeda b'saċerdot biex jilħaq jaħrab bihom;[77] u ħalliela tixtri d-drapp fin u ma tħallasx;[78] il-Manus japprofitta ruħu mid-dgħufija tar-re u jaqla' l-flus;[79] il-ħallelin jagħmlu mħatra li jisirqu kulma jkollu wieħed raġel;[80] raġel jissellef il-

60 Ibid., Nri 4, 10, 27, 36, 39, 48, 49, 59, 64, 81, 87, 88.

61 Ibid., Nru 67. Erbgħin sena wara li kiteb Cortis, din is-sovverżjoni kienet għadha tinħass, kif naraw mill-għana tal-fatt fil-letteratura tat-triq ta' G.B.B. Is-serqa l-kbira ta' somma ta' 126,740 lira flus mid-*dockyard*: holdup, il-ġuri u s-sentenza, strofi 8, 15,17, 26 u 28.

62 Mifsud, Ġorġ, op.cit., Nru 1.

63 Ibid., Nru 9.

64 Ibid., Nru 14.

65 Ibid., Nru 83.14.

66 Ibid., Nru 86.3.

67 Ibid., Nru 5.

68 Ibid., Nru 5, 25.

69 Ibid., Nru 13.

70 Ibid., Nru 48.

71 Ibid., Nru 7.

72 Ibid., Nri 10, 23, 26, 27. Reliġjużi jidħlu fi ftit inqas minn nofs il-praspar ta' Cortis: ara Nri *3, 5, 7, 10*, 16, *17*, 18, 23, 25, 26, 27, 28, *29*, 32, 37, 38, 41, 45, *50*, 51, 53.1, 53.2, 58.2, 58.5, 63.2, *67, 68, 69, 70*, 71, 72, 73, 74, 75, 79, 83.1, 86.4. In-numri fil-korsiv juru l-każijiet fejn ir-reliġjużi mxew b'mod abbużiv.

73 Ibid., Nri. 37, 38, 53.1, 53.2, 71. Ara: Mikhail Bakhtin, *Rabelais and His World*, fejn jgħidilna li dan l-element tal-parodija fir-reliġjon kien ħafna iktar mifrux u organizzat fil-Medju Evu, u iktar tard fil-*Festa tal-Boloh u fil-Karnival*, pp. 82–144.

74 Mifsud, Ġorġ, op.cit., Verżjoni ħafna eqdem ta' Nru 59 tinsab fil-*Alf Lajla wa Lajla* bl-Għarbi, stejjer li nġabru matul iż-żmien mijiet ta' snin ilu. Bdew jiġu tradotti mill-Għarbi mal-mitejn sena qabel kiteb Cortis.

75 Ibid., Nru 59, pp. 153–4

76 Ibid., Nru 12.

77 Ibid., Nru 25.

78 Ibid., Nru 30.

79 Ibid., Nru 33.

80 Ibid., Nru 39.

flus mingħand xbinu bla ħsieb li jroddhom lura, imma jinqabad;[81] id-Dandalun jisraq id-drapp;[82] ix-Xambekk jisraq lill-patri agħma waqt li dan ikun qed iqarru fuq l-istess dnubiet li x-Xambekk ikun qed jagħmel dak il-ħin stess;[83] il-pittur jittradixxi lill-klijent billi taparsi jieħu l-ordni li għamillu l-klijent letteralment;[84] raħlin iwaqqgħu għaċ-ċajt lill-beltin b'risposta fina;[85] seftura tittradixxi lis-Sinjura fl-ikel, basta tkun ħaditilha xi ħaġa; u familja sħiħa tieħu lura mingħand is-Sinjura r-rigal li tkun ġabitilha.[86] Is-serq huwa fil-fatt nuqqas ta' rispett lejn ħaddieħor.

Juri nuqqas ta' rispett ukoll in-novizz bil-kuljunata tiegħu lill-provinċjal meta dan tal-aħħar jingħata l-ikbar ħuta u hu l-iżgħar.[87] Jurih ukoll l-iben li ma jridx jagħti flus lil missieru fil-bżonn,[88] kif ukoll il-kap tal-patrijiet lis-sultan meta jinduna li s-sultan sa jibagħtilhom żewġt iħmir flok novizzi u jitolbu jagħtih il-permess isemmihom għas-sultan u għal ħuh.[89] Lis-Sinjur il-kiefer tiegħu, Katald jobromlu kemm jista' ikel u jilgħabha tal-vittma waqt li hu jkun l-aggressur kontra min qabbad is-Sinjur biex isawwat lilu.[90] Żeża, is-seftura tas-Sinjura Tona, tiġi minn tal-ewwel għan-nuqqas ta' rispett billi meta tkeċċiha tgħidilha li, flok taħsilhom il-platti, is-soltu kien jilgħaqhom il-kelb![91]

Fantin ma tiġihx tajba għax jabbuża mill-Mewt u din teħodlu ħajtu qabel iż-żmien.[92] Lanqas ma tiġihom tajba ż-żewġ Kapuċċini li, flok ma jkunu f'unjoni bejniethom, jiġġieldu u l-viżitaturi Ingliżi jitilqu bla ma jħallsu.[93]

Għalhekk, l-element ta' protesta jidher l-iżjed fejn karattri mill-klassi l-baxxa (il-Maltin) jgħinu ruħhom biex jirnexxu u jegħlbu karattri ta' livell ogħla minn tagħhom (li jirrappreżentaw il-mexxejja ta' dak iż-żmien) billi jwaqqgħuhom għaċ-ċajt. Dan jidher, ngħidu aħna, fil-kompliċità bejn il-Maltin kontra l-mexxejja bħal fil-każ tad-Dandalun, li hu ħalliel, u l-pulizija ma tagħmillu xejn flok twieżen lill-mexxejja billi taqdi dmirha. Cortis jifhimha din il-loġika tan-narrattiva popolari Maltija u jagħlaq il-praspura billi jgħid li l-merkant baqa' b'li ħa. L-istess l-iskarpan li daħak bih il-lavrant tiegħu Koluru fl-1 t'April, il-ġurnata waħda fis-sena li fiha l-permess impliċitu li tista' tidħak ukoll b'min hu ogħla minnek!

Nagħlaq billi niġbor fi ftit kliem kif Dun Xand Cortis qeda l-missjoni tiegħu ta' qassis u ta' Malti. Dan billi għaraf il-bżonn tat-tagħlim fost il-poplu, kif jidher mill-kontenut morali fil-bidu u/jew fl-aħħar tal-praspura kif inkitbet oriġinarjament, u qeda dak il-bżonn. Iffoka fuq it-temi li setgħu jgħinu lill-qarrej jew lis-semmiegħ tar-rakkont jitgħallem u jtejjeb ħajtu — it-twemmin reliġjuż, il-valuri, l-emozzjonijiet u fuq kollox il-ħelsien mill-preġudizzji. Dan kollu bis-saħħa tas-sens qawwi t'osservazzjoni li kellu u tal-ambjent li trabba fih jew li ħadem fih f'Malta u barra minn Malta, kif ukoll ix-xewqa li jara lill-Maltin jimxu 'l quddiem.

81 Ibid., Nru 36.
82 Ibid., Nru 44.
83 Ibid., Nru 45.
84 Ibid., Nru 24.
85 Ibid., Nri 19, 19.1.
86 Ibid., Nru 22.
87 Ibid., Nru 70.
88 Ibid., Nru 49.
89 Ibid., Nru 72.
90 Ibid., Nru 77.
91 Ibid., Nru 83.4.
92 Ibid., Nru 4.
93 Ibid., Nru 10.